# Is-Sur Nin - Tifkiriet

Joe Camilleri

"X'ser naqra, tgħid!" staqsieni. Tbissimtlu. Kont naf x'ser tkun it-tweġiba tiegħu. "Is-sunett Għawdex", qalli waqt li libes in-nuċċali u beda jqalleb kopja ta' "Mis-Siġra ta' Ħajti". Kien biss għaxart ijiem qabel mewtu.




Ma kinitx l-ewwel laqgħa tiegħi miegħu. F'żgħuriti sirt midħla tiegħu meta kien jiġi jqatta' xi jumejn f'Għawdex. Fil-jiem sbieħ tas-sajf min jaf kemm għaddejna sigħat medhija f'taħdit f'Marsalforn, il-bajja li tifkirietha kienu bħal dell isus warajh. Bi tbissima titliegħeb fuq xofftejh u għajnejh imwaħħla fil-baħħ kien iħobb iġedded stejjer ta' tfulitu marbuta mat-teatrin ta' Marsalforn. "Kien żmien sabiħ", erħilu jgħid ta' sikwit, "konna nagħmlu t-teatrin kif nafu aħna. Iżda dik kienet l-ewwel xrara li xegħlet fija mħabba għall-palk". Kien iħobb itenni ukoll il-ġrajja ta' daqsxejn ta' kelb f'Marsalforn li nebbħitu jikteb il-poeżija "Għassa ta' l-Għadu".

Meta f'żgħożiti bdejt naħdem f'Malta, kont inħobb nasal wasla s'għad is-sur Nin fi Triq Santa Ubaldisca, Raħal il-Ġdid. Kif iberraħ il-bieb, wiċċu jixgħel: "ara min hawn! Għaddi! Kif inhuma t'Għawdex?" U erħilu jistaqsi għan-neputijiet, l-iktar għal Ester li kien iħobb u jirrispettaha wisq.

Imbagħad nintasbu bilqiegħda fl-istudju tiegħu, imdawwar mill-kotba, il-ħbieb siekta tiegħu. Is-sur Nin erħilu jredden u jaqbeż minn suġġett għal ieħor. Kien bniedem dħuli, soċjevoli u jaf jitkellem b'mod interessanti. Ħdejh kont inħossni fqir u dgħajjef, iżda hu dejjem għaraf iqawwili qalbi. Tassew li kienet tolqotni l-umiltà u l-qalb ferrieħa ta' dan ix-xwejjaħ li minkejja s-suċċess li kiseb u r-rispett li kien igawdi, dejjem baqa' bniedem sempliċi, bla pretensjonijiet, u altruwist għall-aħħar. F'qalbi kont ngħid li s-sur Nin kellu d-dehen ta' l-għaref li dejjem jintebaħ kemm ma jaf xejn u kemm ikun għad baqagħlu x'jaqdef fil-ħajja.

U forsi kien għalhekk ukoll li baqa' ħabrieki meta fl-aħħar tliet snin ta' ħajtu nġabar man-neputijiet u tefa' l-ankri għal kollox f'Għawdex. Beda joqgħod fi triq

Sant'Ursola, kantuniera ma' Misraħ Sabina. Kienet ferħa għalih li reġa' sab ruħu fil-gżira ta' torbitu. Iżda fl-istess ħin ħass il-firda minn ċrieki letterarji għax l-għaxqa tiegħu kienet li jlablab kemm jiflaħ fuq il-letteratura. Minkejja li trawwam f'fehmiet u xejriet differenti, qatt ma naf li ħadha qatta bla ħabel kontra l-elementi ġodda li bdew jitfaċċaw fil-kitba tal-poeżija Maltija. Dejjem apprezza l-ħeġġa u l-esperimenti li kienu qed iwettqu l-poeti żgħażagħ. Ġie li kkritika xi xogħol dgħajjef għax l-artifiċjalità kien ixommha minn mil bogħod.

Ikolli ngħid li s-Sur Nin kien għal qalbu f'Ghawdex għax reġa' sab ruħu fl-ambjent tal-familja fejn l-imħabba u r-rispett kienu reċiproċi. Meta kien jisma' li f'Għawdex wasal il-Prof. Ġużè Aquilina jew inkella s-Sur Ġużè Cardona, kien jixgħel b'ċerta ħeġġa. Dan kien iġegħelni naħseb li ħass sewwa n-nuqqas ta' ħbiebu tal-qrib. Spiss konna nagħmlu xi passejn sa Misraħ it-Tokk fejn nieqfu nieħdu te'. Lis-Sur Nin kulħadd isellimlu u jkellmu. U hu għandu tbissima għal kulħadd. Dan il-bniedem baqa' b'qalb ta' tifel bla dnewwa.

L-għaxqa tiegħu meta l-iskola tagħna kienet tistiednu għal xi attività letterarja jew inkella biex ikellem lill-istudenti. Konna mmorru niġbruh mid-dar b'xi karozza privata ta' wieħed minn sħabi l-għalliema. Lis-Sur Nin insibuh jistenniena fuq ix-xwiek, liebes pulit u fuq ruħu. Kien iħobb lill-istudenti bl-imħabba ta' studjuż li jaf xi tfisser tkun Għawdxi bil-limitazzjonijiet u l-iżvantaġġi ta' gżira maqtugħa miċ-ċentru. Lil-Liċeo kien iħares lejh bħala l-ogħla istituzzjoni tat-tagħlim f'Għawdex u li bħala tali jrid iħejji liż-żgħażagħ kollha Għawdxin għall-ġejjieni. Mur għidlu li żmien bi żmien din l-iskola kellha ġġib ismu!

Dak inhar stess li għal għarrieda tħabbret il-mewt tiegħu, inħatar kumitat biex jaħseb ħalli jitwaqqaf mafkar f'ġieħ is-Sur Nin. Kien presjedut mill-kap ta' l-iskola, is-Sur Peter Paul Grech, Għawdxi ieħor ħabrieki li b'xorti ħażina m'għadux iktar magħna. Fil-kumitat kien hemm għalliema u studenti. Għamilna bosta attivitajiet biex niġbru l-fondi meħtieġa.

Meta ġriet ix-xniegħa tal-monument, avviċinani wieħed mir-Rabat. Qalli: "Jekk trid id-dimensjonijiet tas-Sur Nin, jien ngħidhomlok għax kont noqgħod dejjem warajh fil-knisja ta' San Ġakbu qrib il-fonti ta' l-ilma mbierek u kont ninnota sa liema livell tal-pilastru jwasslu spallejh, sa liema livell twassal rasu.....".

Dak il-ħin tbissimt. Naħseb jien l-ebda riga ma kienet xierqa biex tkejjel lis-Sur Nin u dak kollu li għamel għal ilsienna f'kondizzjonijiet u żmienijiet bikrin u xejn favorevoli.

Is-Sur Nin kien bniedem daqsxejn qsajjar iżda ġgant fil-personalità tiegħu: dħuli fis-serjetà tiegħu, umli f'għerfu, dinjituż fis-semplicità tiegħu. Kienx ta' statura kbira jew żgħira tgħidu l-istorja. ■